



Dokument ta' sessjoni

A9-0210/2022

19.7.2022

RAPPORT

dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE: it-8 Rapport dwar il-Koeżjoni
(2022/2032(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Constanze Krehl

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	21
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAGĠITS.....	23
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI.....	28
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	35
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	36

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE: it-8 Rapport dwar il-Koeżjoni (2022/2032(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 162, 174 sa 178 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi¹ (Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni²,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta³,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern⁴,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment

¹ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

² ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

³ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1.

⁴ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94.

⁵ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21.

b'Reazzjoni għall-Coronavirus)⁶,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005⁷,
- wara li kkunsidra l-pakkett "Fit for 55" adottat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2021,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")⁸,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013⁹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE)¹⁰,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit¹¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri¹² (Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea – FSUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni¹³,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2018 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntast transfruntier (COM(2018)0373),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Frar 2022 bit-titlu "It-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni: Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050" (COM(2022)0034),

⁶ ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5.

⁷ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.

⁸ ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

⁹ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

¹⁰ ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1.

¹¹ ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1.

¹² ĠU L 99, 31.3.2020, p. 9.

¹³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2022 bit-titlu "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE" (COM(2022)0198),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2021 bit-titlu "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040" (COM(2021)0345),
- wara li kkunsidra l-Patt ta' Amsterdam li jistabbilixxi l-Aġenda Urbana tal-UE, miftiehem waqt laqgħa informali bejn il-Ministri tal-UE responsabbli għall-kwistjonijiet urbani li saret fit-30 ta' Mejju 2016 f'Amsterdam,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat fis-17 ta' Novembru 2017 f'Gothenburg mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU bit-titlu "Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change",
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Diċembru 2020 bit-titlu "Strateġija tal-UE għall-Irkupru Rurali"¹⁴,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tat-18 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-politika strutturali u ta' koeżjoni tal-UE biex tmexxi 'l quddiem it-trasformazzjoni tal-ekonomija b'mod innovattiv u intelligenti¹⁵,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-KESE tal-25 ta' Marzu 2016 bit-titlu "Ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid wara l-kriżi tal-COVID-19. Komplementarjetajiet u duplikazzjonijiet possibbli mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-pjani nazzjonali ta' rkupru"¹⁶,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-KESE tas-27 ta' April 2021 dwar ir-rwol tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien tal-impjiegi u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹⁷,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE)¹⁸,
- wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tal-Kummissjoni mnedija fl-14 ta' Ottubru 2020,
- wara li kkunsidra l-Inizjattiva "Catching Up" tal-Kummissjoni (magħrufa wkoll bħala l-Inizjattiva "Lagging Regions") imnedija fl-2015,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU stabbiliti f'Settembru 2015

¹⁴ ĠU C 37, 2.2.2021, p. 16.

¹⁵ ĠU C 429, 11.12.2020, p. 153.

¹⁶ ĠU C 517, 22.12.2021, p. 1.

¹⁷ ĠU C 286, 16.7.2021, p. 13.

¹⁸ ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1.

fl-ambitu tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,

- wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar il-politika ta' koeżjoni bħala strument biex jitnaqqsu d-disparitajiet fil-kura tas-saħħa u biex tittejjeb il-koooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tas-saħħa¹⁹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fil-promozzjoni ta' trasformazzjoni innovattiva u intelliġenti kif ukoll tal-konnettività reġjonali tal-ICT²⁰,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-isfidi għaż-żoni urbani fl-era ta' wara l-COVID-19²¹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2021 lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE²²,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar id-dimensjoni tal-ġeneru fil-politika ta' koeżjoni²³,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar it-treġġiġh lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE bl-użu tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni²⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali fil-għieda kontra t-tibdil fil-klima²⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2018 dwar ir-reġjuni li għadhom lura fl-UE²⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-ekonomija ċirkolari²⁷,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu,
- wara li kkunsidra l-istudju bit-titlu "EU lagging regions: state of play and future challenges, ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu

¹⁹ Testi adottati, P9_TA(2022)0058.

²⁰ Testi adottati, P9_TA(2022)0059.

²¹ Testi adottati, P9_TA(2022)0022.

²² ĠU C 117, 11.3.2022, p. 18.

²³ ĠU C 67, 8.2.2022, p. 16.

²⁴ ĠU C 15, 12.1.2022, p. 125.

²⁵ ĠU C 494, 8.12.2021, p. 26.

²⁶ ĠU C 162, 10.5.2019, p. 24.

²⁷ ĠU C 28, 27.1.2020, p. 40.

f'Settembru 2020²⁸,

- wara li kkunsidra r-Rapport Analitiku Nru 01/2020 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-insewiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0210/2022),
- A. billi fl-aħħar perjodu finanzjarju, bejn l-2014 u l-2020, il-politika ta' koeżjoni, bħala l-politika prinċipali ta' investiment pubbliku, appoġġat 'il fuq minn 1,4 miljun impraża, ikkontribwiet għal 1 544 km ta' linji ferrovjarji u toroq aktar sikuri, għenet lil 45,5 miljun persuna jintegraw fis-suq tax-xogħol u żiedet il-PDG fir-reġjuni l-inqas żviluppati b'sa 5 %;
- B. billi matul il-pandemija, ir-riskju ta' qgħad, iż-żieda fil-faqar u d-differenza bejn is-sessi kienu partikolarment notevoli fir-reġjuni inqas żviluppati tal-UE; billi d-differenza bejn is-sessi fl-impjiegi kienet kważi d-doppju ta' dik tar-reġjuni aktar żviluppati;
- C. billi minkejja li mhijiex strument ta' kriżi, il-politika ta' koeżjoni għenet lir-reġjuni jirrispondu b'mod effettiv f'emerġenzi u għal xokkijiet asimmetriċi bħall-kriżi tal-COVID-19, il-Brexit u l-kriżi attwali tar-rifuġjati kkawżata mill-invażjoni Russa fl-Ukrajna, inkluż bl-għoti ta' apoġġ lill-Istati Membri li jinsabu fuq quddiem nett f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkoljenza ta' rifuġjati; billi din l-għajnuna ta' emerġenza, madankollu, m'għandhiex timmina l-approċċ strateġiku tal-perjodu ta' finanzjament kollu kemm hu, peress li l-politika ta' koeżjoni fiha nfisha hija politika ta' investiment fit-tul;
- D. billi hu tal-akbar importanza li l-politika ta' koeżjoni futura tiġi fformulata abbażi ta' strateġija segwita tul il-perjodu ta' finanzjament kollu, li, madankollu, tista' tiġi vvalutata mill-ġdid u aġġustata matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu;
- E. billi r-reġjuni żviluppati tal-Lvant tal-UE qed ilaħħqu mal-kumpliment tal-UE, filwaqt li diversi reġjuni b'introjtu medju u inqas żviluppati qed jesperjenzaw staġnar jew tnaqqis ekonomiku, u dan jissuġġerixxi li huma maqbudin f'nassa f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp; billi d-distribuzzjoni tal-fondi għandha tqis l-iżvilupp tad-disparitajiet mhux biss bejn Stat Membru u ieħor iżda anke fi ħdanhom stess;
- F. billi l-konverġenza kienet xprunata minn tkabbir qawwi f'reġjuni inqas żviluppati, iżda l-benefiċċji miksuba minn spejjeż aktar baxxi u mir-redditi fuq l-investimenti tagħhom x'aktarx jonqsu maż-żmien; billi r-reġjuni inqas żviluppati se jkollhom bżonn jagħtu spinta lill-edukazzjoni u t-taħriġ, iżidu l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u jtejbu l-kwalità tal-istituzzjonijiet tagħhom, filwaqt li jkomplu jinvestu fl-infrastruttura, sabiex iżommu tkabbir stabbli, jevitaw li jinqabdu f'nassa f'dak li għandu x'jaqsam mal-

²⁸ Studju "EU lagging regions: state of play and future challenges", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku għall-Politika Strutturali u ta' Koeżjoni, Settembru 2020.

iżvilupp, jindirizzaw id-diskrepanza fil-konnettività u jiżguraw aċċess għal servizzi ta' kwalità u kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti;

- G. billi filwaqt li l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali naqas bejn l-2012 u l-2019, 20 % tal-popolazzjoni totali tal-UE għadha friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali;
- H. billi jeżistu differenzi kbar fil-kwalità tal-infrastruttura, is-servizzi, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għat-trasport u soluzzjonijiet ta' mobilità bejn ir-reġjuni urbani u dawk rurali;
- I. billi l-bliet u konnessjonijiet funzjonali bejn iż-żoni urbani u rurali jikkostitwixxu mutur importanti għall-iżvilupp lokali u reġjonali, il-koeżjoni u tranżizzjoni ġusta;
- J. billi ż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima u tal-kostruzzjoni għandha impatt negattiv dirett fuq ħafna proġetti ta' infrastruttura ffinanzjati mill-UE u tpoġġi l-implimentazzjoni tagħhom friskju;
- K. billi t-tnaqqis demografiku huwa aktar notevoli fir-reġjuni rurali u, sal-2050, 50 % tal-popolazzjoni tal-UE se tkun qed tgħix f'reġjun b'popolazzjoni iżgħar u ixjeħ; billi dawn l-iżviluppi x'aktarx jaffettwaw il-potenzjal tat-tkabbir u l-aċċess għas-servizzi fiż-żoni rurali; billi, fid-dawl ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, huwa kruċjali li l-ġenerazzjonijiet żgħażaġh ikunu involuti fl-iżvilupp futur tar-reġjuni tagħhom;
- L. billi l-eżodu ta' mħuħ jaffettwa b'mod sproporzjonat lir-reġjuni inqas żviluppatti u, jekk ma jiġix indirizzat, il-fenomeni se jkollu effetti permanenti u fit-tul fuq il-futur tal-Unjoni;
- M. billi l-politika ta' koeżjoni hija tal-akbar importanza fl-investiment kapitali tal-gvernijiet u tipprovdi aktar minn nofs it-total tal-finanzjament permezz ta' investiment pubbliku f'xi Stati Membri; billi l-appoġġ mogħti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għandu jkun addizzjonali u mhux jieħu post in-nefqa pubblika tal-Istati Membri;
- N. billi l-mira ta' Ewropa newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050 għandha tkun akkumpanjata mill-mira ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta; billi t-tniġġis tal-arja u tal-ilma għadu ġeneralment għoli wisq f'ħafna reġjuni inqas żviluppatti; billi r-reġjuni kollha tal-UE għandu jkollhom rwol sinifikanti fl-indirizzar tal-isfidi tat-tibdil fil-klima, permezz ta' miżuri kkoordinati mar-reġjuni tal-madwar;
- O. billi d-distakk fl-innovazzjoni reġjonali kiber u d-diskrepanzi fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet bejn ir-reġjuni aktar u inqas żviluppatti huma sikwit kbar; billi l-ħiliet huma kkonċentrati partikolarment fir-reġjuni kapitali u tfaċċa distakk kbir bejn iż-żoni urbani u dawk rurali;
- P. billi l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, permezz tat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni, tgħaqqad il-Patt Ekoloġiku Ewropew mal-ispazji tal-għajxien kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali;
- Q. billi għad hemm disparitajiet fir-ritmi tat-tranżizzjoni diġitali fl-Ewropa; billi

konnessjonijiet b'veloċità għolja ħafna huma aċċessibbli biss għal tnejn minn kull tliet residenti fl-ibliet u wieħed minn kull sitt residenti f'żoni rurali;

- R. billi l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni u tal-enerġija qed jogħlew, u dan qed juri l-bżonn ta' akkomodazzjoni soċjali orħos u rinnovazzjoni residenzjali aċċelerata biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku;
- S. billi sar progress sinifikanti fit-titjib fil-qasam tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, iżda d-disparitajiet reġjonali għadhom akbar minn qabel il-kriżi finanzjarja tal-2008; billi l-politika ta' koeżjoni għandha ttiprovdi risposti effiċjenti għall-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, iż-żieda fil-kompetittività, il-promozzjoni tal-investment fl-edukazzjoni, inkluż fl-edukazzjoni diġitali, is-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-indirizzar tal-isfidi demografiċi; billi biex il-politika ta' koeżjoni tkun tista' tissodisfa dawn il-kompiti kollha trid tkun ibbażata fuq finanzjament sod;
- T. billi r-reġjuni u ż-żoni elenkati fl-Artikolu 174 tat-TFUE jirrikjedu attenzjoni partikolari; billi l-miżuri speċifiċi u l-finanzjament addizzjonali għaż-żoni ultraperiferiċi u ż-żoni tat-Tramuntana mbiegħda b'popolazzjoni baxxa għandhom jibqgħu, sabiex ipattu għall-iżvantaġġi naturali u demografiċi gravi u permanenti ta' dawn ir-reġjuni;
- U. billi l-politika ta' koeżjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba u b'rispett sħiħ għall-valuri komuni tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TFUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-Sħubija; billi, f'diversi Stati Membri, l-istat tad-dritt iddeterjora maż-żmien; billi l-politika ta' koeżjoni għandha tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- V. billi l-pandemija tal-COVID-19 u t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali kkonfermaw il-bżonn ta' riflessjoni dwar il-qafas ta' governanza ekonomika, anke bis-sospensjoni temporanja (sal-2023) u r-reviżjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u kontemplazzjoni tal-possibbiltà li l-infiq pubbliku fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni min-naħa tal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali bħala parti mill-Fondi SIE ma jitqiesx bħala nefqa strutturali nazzjonali jew ekwivalenti kif definit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
- W. billi l-baġit tal-FSUE ma joqrob xejn lejn l-ammont meħtieġ biex jingħata rispons adegwat għal dżastri naturali kbar u biex l-Ewropa turi solidarjetà mar-reġjuni milquta minn dżastri; billi din id-diskrepanza se tikber minħabba iż-żieda mistennija fid-dżastri naturali li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u li jwasslu għal bidliet aktar drastiċi fil-ħajja tan-nies; billi l-kontribuzzjonijiet mill-fondi tal-UE jkopru biss it-treġġiegħ lura tal-istatus quo ante tal-infrastruttura u t-tagħmir, filwaqt li l-ispejjeż addizzjonali għar-rikostruzzjoni ta' strutturi aktar reżiljenti għall-klima jridu jiġu (ko)finanzjati mill-Istati Membri;
- 1. Huwa konvint li biex il-politika ta' koeżjoni tkun tista' tkompli taqdi r-rwol attwali tagħha bħala vettur għall-investment u l-ħolqien tal-impjiegi, strument għat-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali u interreġjonali, u mekkaniżmu ta' solidarjetà għar-reġjuni kollha tal-UE jrid ikollha finanzjament sod ibbażat fuq il-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli; jenfasizza li dan jimplika li jiġi previst tal-inqas l-istess livell ta' finanzjament bħal fil-perjodu finanzjarju 2021-2027, anke fid-dawl tar-reċessjoni li hija

mistennija, flimkien mar-riżorsi baġitarji tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) II; ifakkar li sfidi ġodda jirrikjedu fondi ġodda u jitlob li l-politika ta' koeżjoni tiżdied b'riżorsi baġitarji ġodda biex l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali jkunu jistgħu jindirizzaw l-isfidi u l-kriżijiet differenti li qed jaffettwaw l-Unjoni;

2. Jinnota li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu talba debitament ġustifikata għal aktar flessibilità fil-qafas attwali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għal nefqa strutturali pubblika jew ekwivalenti, appoġġata mill-amministrazzjoni pubblika permezz tal-kofinanzjament ta' investimenti attivati bħala parti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF); ifakkar li meta jkun qed jiġi definit l-aġġustament fiskali taħt il-parti preventiva jew taħt il-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Kummissjoni trid tivvaluta bir-reqqa din it-talba b'mod li jirrifletti l-importanza strateġika tal-investimenti kofinanzjati mill-FEŻR, mill-FK u mill-JTF;
3. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu favur il-politika ta' koeżjoni, li tiffirma parti mill-acquis communautaire u għalhekk hija inseparabbli mill-proġett Ewropew u hija bbażata fuq il-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri u r-reġjuni; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni wriet li hija għodda moderna u flessibbli li tista' tintuża malajr f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jenfasizza li l-għan oriġinali tal-politika ta' koeżjoni – li tippromwovi u tappoġġa l- "iżvilupp armonjuż ġenerali" tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħha – għandu jibqa' r-rwol ewlieni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni m'għandhiex issir sors ta' finanzjament biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fil-flessibilità baġitarja, u lanqas m'għandha tiffaċċja tnaqqis baġitarju b'reazzjoni għall-kriżi, u li bħala politika ta' investment fit-tul, il-politika ta' koeżjoni għandha tgħin biex ir-reġjuni jitħejjew għall-isfidi tal-futur;
4. Jiddispjaċih li d-dewmien fin-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) wassal għal dewmien konsiderevoli fil-perjodu ta' programmazzjoni, li qed iħalli impatt fuq l-awtoritajiet maniġerjali u l-benefiċjarji; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-adozzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi peress li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tista' twassal għal akkumulazzjoni anormali ta' pagamenti fit-tieni nofs tal-QFP attwali, li tqiegħed pressjoni addizzjonali fuq il-pagamenti matul in-negozjati dwar il-QFP ta' wara l-2027; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tivvaluta l-possibbiltà legali li toħloq żewġ partijiet distinti fi ħdan ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), jiġifieri parti relatata mal-kontenut (politika) u parti relatata mal-QFP (riżorsi finanzjarji) għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027; jemmen li l-parti relatata mal-kontenut għandha tiġi nnegozjata u konkluzja qabel il-parti relatata mal-QFP, biex tippermetti lill-awtoritajiet maniġerjali jibdew iħejju ruħhom fil-ħin; jenfasizza, f'dan il-qafas, il-bżonn li l-QFP li jmiss jiġi adottat malajr, sabiex l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkollhom viżjoni ċara tal-pakketti finanzjarji tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu għażliet politiċi u jstabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom fl-investment;
5. Jilqa' l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) bħala strument importanti biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-coronavirus u biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji tagħha mal-politika ta' koeżjoni; jikkritika n-

nuqqas ta' dimensjoni territorjali fl-RRF u jtenni l-importanza tal-prinċipju tas-šhubija fil-politiki territorjali tal-UE; jiddispjaċih li l-użu tal-RRF kien ċentralizzat ħafna u kien nieqes minn konsultazzjoni mar-reġjuni u l-muniċipalitajiet u jenfasizza li l-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jridu jqisu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-TFUE u jikkontribwixxu għall-kisba tagħhom; iqis, barra minn hekk, li l-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru ffinanzjati mill-RRF m'għandhomx jaffettwaw il-kapaċità li jiġu mobilizzati l-Fondi SIE;

6. Jenfasizza li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkritikat il-fatt li ma saritx distinzjoni bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tal-futur għandha tagħmel din id-differenza fil-monitoraġġ tal-infiq u fil-konċentrazzjoni tematika tagħha; jenfasizza li t-tibdil fil-klima jirrappreżenta l-aktar theddida serja għas-soċjetajiet umani f'kull parti tad-dinja u taffettwa r-reġjuni kollha; jissottolinja l-bżonn, għalhekk, li jiżdedu l-isforzi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u tissaħħaħ il-mitigazzjoni tiegħu; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni trid tappoġġa l-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika;
7. Jilqa' l-introduzzjoni tal-JTF, min-naħa tal-Kummissjoni, b'appoġġ għar-reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi fit-tranżizzjoni lejn newtralità karbonika; ihegġegħ lill-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tiegħu – anke dawk li għandhom dubji – u jistieden lill-Kummissjoni tisset tagħlimiet mill-implimentazzjoni tal-JTF; jitlob li, fil-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2027 fil-livell NUTS 3 jinħoloq fond ġdid, JTF II, b'metodu ta' allokkazzjoni rivedut; jemmen li l-fond għandu jiġi integrat bis-ših fir-RDK, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' šhubija u ġestjoni kondiviża; jemmen li r-reġjuni b'livell għoli ta' CO₂ per capita, kif ukoll l-industriji fi tranżizzjoni, għandu jkollhom aċċess għal dan il-fond, li għandu jkun mogħni b'aktar mezzi finanzjarji mill-JTF attwali u jkollu kamp ta' applikazzjoni usa'; jitlob li l-JTF II il-ġdid jiddistingwi bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u jenfasizza l-bżonn li titfassal arkitettura sempliċi għall-politika ta' koeżjoni futura;
8. Jilqa' l-idea ta' "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", li jfisser li l-ebda azzjoni m'għandha tfixxkel il-proċess ta' konverġenza jew tikkontribwixxi għal disparitajiet reġjonali; jemmen li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandu jkun involut fit-tfassil ta' dan il-prinċipju u li dan għandu jiġi stabbilit fil-leġiżlazzjoni sabiex il-kamp u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tiegħu jkunu definiti b'mod ċar b'tali mod li jiġi stabbilit bħala prinċipju trasversali fil-politiki tal-UE;
9. Jinnota li minkejja l-politika ta' koeżjoni mhijiex strument ta' kriżi, sa wara r-rieżami ta' nofs it-terminu għandu jinżamm ammont ta' flessibbiltà f'fondi mhux allokat li fl-istess livell bħal fil-perjodu attwali sabiex jissaħħu r-reżiljenza u r-rispons tar-reġjuni, u tippermettilhom jindirizzaw sfidi ġodda u futuri u jassorbu xokkijiet asimmetriċi; isostni li fil-QFP ta' wara l-2027 għandha tiġi żgurata politika ta' koeżjoni b'saħħitha u b'finanzjament akbar, iżda li din il-politika m'għandhiex tintuża biex tiġi indirizzata kull sfida ġdida; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-allokkazzjonijiet ta' koeżjoni li jkunu baqgħu ma jintużawx fl-2021 għal aktar flessibbiltà mill-2022 'il quddiem sabiex jinstabu soluzzjonijiet għaż-żieda fl-ispejjeż tal-proġetti ta' infrastruttura ffinanzjati mill-UE (trasport, enerġija, diġitali eċċ.); ifakkar li l-prezz tal-materja prima u tal-kostruzzjoni jpoġġi f'riskju l-implimentazzjoni ta' ħafna proġetti infrastrutturali ffinanzjati mill-UE;

10. Jisħaq li, fid-deċennji li ġejjin, it-tibdil fil-klima jirrappreżenta l-aktar theddida serja għas-soċjetajiet umani f'kull parti tad-dinja; ifakkar li ż-żieda fl-għadd u fl-intensità ta' diżastri naturali u fenomeni klimatiċi estremi (għargħar, maltempati, ċikluni, nixfiet, mewġiet ta' sħana, nirien fil-foresti, eċċ.) diġà hija konsegwenza viżibbli u tanġibbli tat-tibdil fil-klima; iqis li l-ispejjeż għall-Unjoni, għal kull pajjiż u għal kull reġjun – jekk ma jantiċipawx u ma jadattawx ruħhom għat-tibdil fil-klima – se jkunu għoljin ħafna; jitlob żieda sinifikanti fil-baġit tal-FSUE sabiex ir-reġjuni jiġu meġġuna jantiċipaw u jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima, u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSUE jitwessa' sabiex ikun jista' jappoġġa wkoll restawr aktar reżiljenti għall-klima jew kostruzzjoni ta' infrastruttura pubblika u privata; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-baġit tal-FSUE jistax jiżdied bi speċi ta' assigurazzjoni li biha l-Istati Membri jħallsu miżata annwali bbażata fuq l-għadd ta' abitanti, li tiġi investita f'assi sikuri u titqiegħed għad-dispożizzjoni f'każ ta' kriżi;
11. Jemmen li r-rata ta' kofinanzjament għall-mira tal-"Investiment għall-impjiegi u tkabbir" fil-livell ta' kull prijorità, f'ċirkustanzi normali, m'għandhiex tkun oġġla minn:
 - a) 85 % għar-reġjuni inqas żviluppati u r-reġjuni ultraperiferiċi,
 - b) 75 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni, f'każ li jinżammu,
 - c) 70 % għal reġjuni aktar żviluppati;jemmen li t-tliet rati għandhom jiżdiedu f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, bl-użu tal-ammont ta' flessibilità;
12. Huwa tal-fehma li l-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġa lil dawk l-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom, imkejjejl skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi tal-figuri tal-Unjoni għall-perjodu 2025-2027, ikun inqas minn 90 % tal-ING per capita medju tal-UE għall-istess perjodu ta' referenza;
13. Jenfasizza li l-użu tal-PDG bħala l-uniku indikatur tal-iżvilupp ma jikkunsidrax is-sostenibbiltà ambjentali, l-effiċjenza tar-riżorsi, l-integrazzjoni u l-progress soċjali; ifakkar li minbarra kwistjonijiet ekonomiċi, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sostenibbiltà, l-ekwità u l-inklużjoni soċjali huma parti integrali mill-mudell tal-iżvilupp tal-UE; jitlob li l-PDG jiġi kkomplementat bi kriterji ġodda (eż. soċjali, ambjentali, demografiċi), sabiex tingħata stampa ġenerali soċjoekonomika aħjar tar-reġjuni, jiġu indirizzati l-prijoritajiet attwali tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u jiġu riflessi aħjar it-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u demografika u l-benessri taċ-ċittadini;
14. Jissuġġerixxi l-ftuħ ta' riflessjoni dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi strateġiċi fit-tul tal-UE, speċjalment fid-dawl tal-isfidi l-ġodda li ġejjin; jemmen li t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tibqa' sfida kbira li għandna niffukaw l-investimenti tagħna fuqha sabiex nevitaw l-iżvilupp ta' disparitajiet ġodda; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet manijerjali jsaħħu d-djalogu u jingħaqdu flimkien fl-identifikazzjoni tal-oġġettivi strateġiċi li l-koeżjoni futura mistennija tikkontribwixxi għalihom;
15. Jinnota li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għad hemm reġjuni li qed jesperjenzaw

tnaqqis industrijali; iħeġġeġ aktar appoġġ għat-tranżizzjoni industrijali, soċjali u ambjentali ta' dawn ir-reġjuni u jemma li, biex jiġi indirizzat l-impatt potenzjalment negattiv tat-tranżizzjoni ta' industriji qodma bħall-azzar u l-aluminju u jingħata appoġġa lil industriji bħal dawn, ir-riżorsi tal-JTF II għandhom imorru lejn il-modernizzazzjoni tagħhom fejn possibbli, il-ħolqien ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti mfassla għall-ħtiġjiet ta' kull reġjun fi tranżizzjoni industrijali, it-trawwim ta' tkabbir immexxi mill-innovazzjoni u l-iżgurar li jinfirxu l-benefiċċji tat-tkabbir;

16. Jemma li, filwaqt li xi reġjuni fi tranżizzjoni industrijali jiffaċċjaw sfidi speċifiċi bħad-deindustrijalizzazzjoni minħabba l-esternalizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali lejn ekonomiji emerġenti, livelli baxxi ta' produttività u nuqqas ta' strateġija reali għal impjegji orjentati lejn il-futur, reġjuni oħra għandhom potenzjal relattivament qawwi, bħal tradizzjoni fil-manifattura u attivitajiet ta' innovazzjoni sofistikati fl-industriji speċjalizzati lokali; jinnota li reġjuni aktar industrijalizzati huma aktar reżiljenti għal diversi xokkijiet ekonomiċi u soċjali, u jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tiżviluppa politika ambizzjuża ta' reindustrijalizzazzjoni għar-reġjuni tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-produzzjoni u l-konsum lokali u reġjonali; jitlob, barra minn hekk, inizjattiva speċifika tal-UE b'appoġġ għar-reġjuni tal-Unjoni li għandhom rata baxxa ta' tkabbir u li huma ifqar u qed jiddevjaw kemm internament kif ukoll esternament mill-medja tal-UE, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-inizjattiva "Catching Up"; itenni l-bżonn ta' tfassil ta' politika bbażat fuq il-lokalità permezz ta' analiżi xierqa ta' xejriet ta' tkabbir baxx u l-għodod meħtieġa biex jiġu indirizzati;
17. Jinnota li fl-2019 aktar minn kwart tal-popolazzjoni tal-UE kienet qed tgħix f'reġjun fejn il-PDG reali kien għadu ma reġax lura għal-livell ta' qabel il-kriżi finanzjarja fl-2007, partikolarment fil-Greċja, Ċipru, l-Italja u Spanja; jisħaq li dawn l-istess pajjiżi reġgħu ġew affettwati b'mod aktar sinifikanti mill-kriżi ekonomika u soċjali kkawżata mill-COVID-19;
18. Jenfasizza l-importanza li jingħata appoġġ liż-żoni rurali billi jiġu vvalutati d-diversità u l-potenzjal tagħhom, isir titjib fil-konnettività tat-trasport, il-broadband b'veloċità għolja, il-forniment ta' servizzi, id-diversifikazzjoni ekonomika u l-ħolqien tal-impjegji, u jiġu meġhuna jirrispondu għal sfidi bħad-deżertifikazzjoni rurali, it-tixjijih demografiku, id-depopolazzjoni u l-abbandun rurali, it-tnaqqis fil-komunitajiet b'mod ġenerali, inklużi ċ-ċentri tal-ibliet, u opportunitajiet insuffiċjenti ta' kura tas-saħħa u edukazzjoni, filwaqt li tiġi enfasizzata wkoll l-importanza ta' konnessjonijiet urbani-rurali fil-kuntest ta' żoni urbani funzjonali; jenfasizza partikolarment ir-rwol tendenzjalment prekarju tan-nisa żgħażaġh fiż-żoni rurali; huwa tal-fehma li l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tikkontribwixxi biex iż-żoni rurali jsiru aktar attraenti; jinnota li dawn il-miżuri kollha jgħinu wkoll biex l-ibliet li qed jikbru jindirizzaw l-isfidi li qed jiffaċċjaw;
19. Jisħaq fuq l-importanza ta' soluzzjonijiet ta' mobilità sostenibbli fl-UE kollha; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-mobilità intelliġenti u ekoloġika u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili bħala kontribut għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pakkett "Fit for 55"; jenfasizza l-importanza tal-Patt Ekoloġiku u l-pakkett "Fit for 55" u jinnota li l-investimenti fil-livell reġjonali u lokali huma essenzjali għas-suċċess tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-infiq relatat mal-klima u ssaħħa il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

20. Jenfasizza n-natura multidimensjonali tal-iżvilupp rurali, li tmur lil hinn mill-agrikoltura fiha nfisha; jinsisti fuq il-bżonn li jiġi implimentat mekkaniżmu ta' verifika rurali biex jiġi vvalutat l-impatt tal-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE fuq iż-żoni rurali; jinnota, madankollu, li 11,5 % biss tal-persuni li jgħixu f'żoni rurali jaħdmu fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd; jitlob, għalhekk, ir-reintegrazzjoni tal-FAEŻR fil-qafas strateġiku tar-RDK bħala fond separat; jenfasizza li l-appartenenza għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni ssaħħha il-possibiltajiet u s-sinerġiji – permezz ta' approċċ integrat u b'diversi fondi – għal investimenti f'żoni rurali lil hinn mill-agrikoltura u għall-iżvilupp reġjonali; jenfasizza l-kontribut siewi għall-iżvilupp rurali mogħti mill-programm LEADER, li jfittex li jinvolvi l-atturi lokali fit-tfassil u t-twettiq tal-istrateġiji, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-iżvilupp taż-żoni rurali tagħhom;
21. Jitlob it-tiżiħ tal-Artikoli 174 u 349 tat-TFUE fil-politiki kollha tal-Unjoni sabiex jiġi promoss it-twettiq tal-oġettivi stabbiliti fihom; jiddispjaċih li t-8 Rapport dwar il-Koeżjoni ma jagħtix attenzjoni partikolari lill-progress magħmul fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi u r-reġjuni transfruntiera; ifakkar fir-rwol fundamentali tal-politika ta' koeżjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi; jenfasizza l-importanza li jitfasslu programmi u miżuri mfassla apposta għal dawn ir-reġjuni u jenfasizza l-bżonn li jinżammu l-miżuri kollha mfassla speċifikament għalihom, peress li l-maġġoranza tar-reġjuni ultraperiferiċi għadhom fost ir-reġjuni l-inqas żviluppati u huma 6 mit-30 reġjun tal-UE bl-aktar PDG baxx per capita; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali dinamika sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi;
22. Huwa konvint li r-rwol tal-ibliet, l-irħula u l-villaġġi ż-żgħar għandu jissahħha sabiex jiġu appoġġati l-ekonomiji lokali u jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi u klimatiċi; jafferma mill-ġdid l-importanza tar-rabtiet urbani-rurali u l-iżvilupp ta' strateġiji bbażati fuq żoni funzjonali, b'attenzjoni partikolari għall-bliet żgħar u ta' daqs medju bil-għan li jiġi evitat it-tnaqqir ta' żoni rurali; jissottolinja l-importanza li jiġu implimentati approċċi territorjali mfassla apposta u li jsir investiment partikolarment fl-inizjattiva tal-irħula intelliġenti bil-għan li tingħata ħajja ġdida lis-servizzi rurali permezz tal-innovazzjoni diġitali u soċjali; jenfasizza l-importanza ta' sinerġiji bejn għodod ta' finanzjament differenti, bħall-FAEŻR, il-FEŻR, il-FSE+ u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, biex jiġi indirizzat livell adegwat ta' finanzjament lejn żoni rurali permezz ta' approċċ b'diversi fondi;
23. Itenni r-rwol tal-politika ta' koeżjoni fl-armonizzazzjoni u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien għal kulħadd fl-Unjoni kollha; jinnota, madankollu, li qed jitfaċċaw dejjem aktar żoni żvantaġġati u foqra, inkluż f'reġjuni u żoni aktar żviluppati; jissottolinja li, filwaqt li l-bliet huma muturi reġjonali ta' tkabbir u tranżizzjoni, u l-fatt li tgħix u taħdem fih iġib miegħu ħafna vantaġġi, konċentrazzjoni għolja tal-popolazzjoni u tkabbir tal-popolazzjoni ogħla mill-medja f'ċerti żoni urbani jista' jkollhom ukoll riperkussjonijiet fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, il-livelli ta' tniġġis u l-kwalità tal-ħajja; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tressaq proposta biex l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida ssir programm tal-UE għall-QFP ta' wara l-2027, b'baġit iddedikat abbażi ta' riżorsi ġodda li jipprovdli soluzzjonijiet għall-iżvilupp ta' żoni urbani sostenibbli u innovattivi; jemmen li l-awtoritajiet urbani għandu jkollhom aċċess dirett

għall-fondi tal-UE fil-futur; itenni l-importanza ta' salvagwardji li jimpedixxu l-penalizzazzjoni inġusta tal-awtoritajiet reġjonali u lokali lokalizzati f'pajjiżi li jistgħu jkunu soġġetti għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt, u jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi modi kif tkun tista' twassal il-fondi direttament lill-benefiċjarji finali tagħhom;

24. Jenfasizza l-importanza li jissaħħaħ l-approċċ minn isfel għal fuq għall-iżvilupp rurali u lokali, li huwa mezz għall-innovazzjoni soċjali u l-bini tal-kapaċitajiet, u b'hekk iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa biex jieħdu s-sjieda tal-iżvilupp tal-inħawi tagħhom; jinsisti, għaldaqstant, li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll l-NGOs u ċ-ċittadini, jiġu inklużi bis-sħiħ fil-proċess deċiżjonali u tal-implimentazzjoni biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu indirizzati kif xieraq; jinnota li l-potenzjal li jeżisti fil-livell lokali jista' jiġi mobilizzat aħjar bit-tisħiħ u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD); huwa tal-fehma li s-CLLD għandu jkun obligatorju għall-Istati Membri;
25. Jenfasizza li s-soċjetajiet u l-ekonomiji għandhom jisfruttaw il-potenzjal kreattiv tagħhom filwaqt li jindirizzaw l-isfidi li ġġib magħha t-tranżizzjoni lejn in-newtralità karbonika, bħal fil-każ ta' reġjuni industrijali qodma, li għandhom jużaw l-industrija kreattiva bħala katalist multidixxiplinari għall-proċessi ta' tranżizzjoni, filwaqt li jintegraw ideat mill-industriji kulturali u kreattivi fil-proċessi amministrattivi; jemmen li l-awtoritajiet maniġerjali jistgħu jgħinu lir-reġjuni industrijali l-qodma; jenfasizza, għalhekk, il-bżonn ta' appoġġ għall-kooperazzjoni multidixxiplinari; jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-kultura fil-politika ta' koeżjoni, li tgħin biex jiġu żgurati reġjuni vivaċi u tiżdied l-attrazzjoni tagħhom, jitħeġġu l-iskambji kulturali, u jiġu promossi d-diversità u s-solidarjetà;
26. Jinnota bi tħassib l-isfidi demografiċi li qed tiffaċċja l-UE, speċjalment f'ċerti reġjuni, bħat-tixjiħ demografiku, id-depopolazzjoni taż-żoni rurali u remoti, il-pressjoni demografika fuq żoni oħra, bħaż-żoni kostali u urbani, kif ukoll il-flussi migratorji u l-wasla ta' rifuġjati; jinsisti fuq il-bżonn li jitħejja rispons immedjat għall-wasla tar-rifuġjati sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni rapida u faċli tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri, barra minn hekk, ifasslu u jimplementaw miżuri speċifiċi biex jippromwovu t-taħriġ u l-impjeg, u jħarsu d-drittijiet fundamentali; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-NGOs huma essenzjali biex jiġu identifikati u vvalutati ħtiġijiet ta' investment speċifiċi u servizzi bażiċi għall-mobilità u l-aċċessibbiltà territorjali fiż-żoni rurali u urbani u li dawn għandhom jaqdu rwol deċiżiv bħala parteċipanti attivi fl-iżvilupp ta' strateġiji territorjali ġġenerati mill-komunitajiet lokali; jenfasizza l-importanza li jiġi inklużi rispons baġitarju speċifiku għaż-żoni rurali, inklużi biex jitreggguhura lura x-xejriet demografiċi negattivi fil-programmi rilevanti tal-UE;
27. Jenfasizza l-bżonn li tittejjeb l-artikolazzjoni bejn il-politika ta' koeżjoni u l-governanza ekonomika tal-UE, filwaqt li jiġi evitat approċċ punitiv; jenfasizza li s-Semestru Ewropew għandu jirrispetta l-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni skont l-Artikoli 174 u 175 tat-TFUE; jitlob il-parteeipazzjoni tar-reġjuni fit-twettiq ta' dawn l-oġettivi u approċċ territorjali aktar b'saħħtu; jitlob li jinbada proċess ta' riflessjoni dwar il-kunċett tal-kundizzjonalità makroekonomika u li tiġi esplorata l-possibbiltà li dan il-kunċett jiġi sostitwit b'forom ġodda ta' kundizzjonalità biex jiġu riflessi aħjar l-isfidi l-ġodda li

għandna quddiemna; iqis li s-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-UE, aggravata mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 u l-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna, titlob is-sospensjoni tal-Patt ta' Stabbiltà sal-2023 u r-reviżjoni tiegħu;

28. Josserva li xi reġjuni b'introjtu medju qed iħabbtu wiċċhom ma' "nassa ta' introjtu medju", u li sikwit ibatu minn popolazzjoni li qed tonqos u tixjiegħ, industriji tal-manifattura f'diffikultà, rati baxxi ta' tkabbir, innovazzjoni, kompetittività, produttività u kwalità istituzzjonali u governattiva, nuqqas ta' progress lejn tranżizzjoni ġusta u vulnerabbiltà għax-xokkijiet ikkawżati mill-globalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-aggravar inkwetanti ta' din it-tendenza u jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi serji biex jindirizzaw din l-isfida u jsibu soluzzjonijiet biex dawn ir-reġjuni ma jitħallewx jibqgħu lura fit-tul iżda, minflok, jingħataw appoġġ fl-iżvilupp tal-kwalitajiet speċifiċi tagħhom;
29. Jinnota li ħafna muturi tat-tkabbir għadhom ikkonċentrati f'reġjuni aktar żviluppati u f'żoni urbani; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li waħda mill-isfidi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni il jmiss se tkun li jingħata appoġġ xieraq lir-reġjuni sottożviluppati u li l-politika ta' koeżjoni għandha tnaqqas id-disparitajiet u fl-istess waqt tevita li reġjuni vulnerabbli jaqgħu lura, filwaqt li tqis ix-xejriet u d-dinamika differenti u tipprovdi appoġġ baġitarju speċifiku għaż-żoni rurali, inkluż bit-treġġiġħ lura tax-xejriet demografiċi negattivi fil-programmi rilevanti tal-UE;
30. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis kbir fil-fondi allokatu f'dawn l-aħħar snin mill-Istati Membri lill-ifqar reġjuni tagħhom; ifakkar fl-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju tal-addizzjonalità tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu kif xieraq il-koeżjoni interna fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' proġetti fl-ambitu tal-Fondi SIE;
31. Jenfasizza li r-reġjuni maqbudin fin-nassa tal-introjtu medju jew li qegħdin f'riskju li jinqabdu fiha għandhom karatteristiċi differenti u jeħtieġu soluzzjonijiet imfassla apposta biex tingħata spinta lill-investimenti f'edukazzjoni ta' kwalità għolja, il-kapital uman, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-taħriġ tal-ħaddiema, is-servizzi soċjali u l-istrateġiji ta' mitigazzjoni; ihegġegħ lill-Kummissjoni tiddefinixxi dawn ir-reġjuni sabiex tifhem aħjar il-fatturi strutturali li jwasslu għan-nassa tal-introjtu medju, tappoġġgħom permezz ta' approċċ divrenzjat u bbażat fuq il-post u tallokalhom ammonti akbar mill-FSE+ fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;
32. Huwa tal-fehma li s-simplifikazzjoni għandha tkun wieħed mill-muturi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni li jmiss; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevitaw li jqiegħdu piż amministrattiv addizzjonali fuq l-awtoritajiet manijerjali u jfakkar fil-bżonn li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet reġjonali u lokali u għall-benefiċjarji; jistieden lill-Istati Membri jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda, jagħmlu programmi strateġiċi u konċiżi u dokumenti flessibbli, u jrendu l-ftehimiet ta' finanzjament bejn l-awtorità manijerjali u l-benefiċjarju għodda għas-simplifikazzjoni; jinkoraġġixxi li jitkompla l-użu ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati (SCOs), inkluż billi jogħlew il-limiti li taħthom l-użu ta' tali SCOs għandu jkun obligatorju; jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tal-koeżjoni elettronika; jissottolinja l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u rappurtar; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, ittejjeb it-trasparenza tar-regoli tal-awditjar tagħha u

tespandi l-użu tal-prinċipju ta' awditu uniku biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u l-verifika tal-ġestjoni tal-istess infiq; jemma li r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet maniġerjali għandha tevolvi lejn "kuntratt ta' fiduċja" mibni fuq l-iżvilupp u l-ħolqien ta' kriterji oġġettivi, u jkis li hemm bżonn tiġi introdotta tikketta li tippremja lill-awtoritajiet maniġerjali li jkunu wrew il-kapaċità tagħhom li josservaw ir-regoli u jnaqqsu r-rata ta' żball;

33. Huwa tal-fehma li ż-żamma ta' allokkazzjoni ta' fondi xierqa u adatta fl-ambitu tal-Fond ta' Koeżjoni hija partikolarment neċessarja għall-Istati Membri li għandhom defiċit kbir fl-infrastruttura tat-trasport u l-ambjent, dment li jkun hemm ġestjoni kondiviża tal-Fond;
34. Jemma li l-politiki strutturali nazzjonali, reġjonali u tal-UE għandhom jimxu id f'id ma' approċċ ibbażat fuq it-territorju sabiex jingħata kontribut għall-koeżjoni territorjali, jiġu indirizzati livelli differenti ta' governanza, jiġu żgurati kooperazzjoni u koordinazzjoni, u jiġi sfruttat il-potenzjal uniku tar-reġjuni, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-bżonn ta' soluzzjonijiet imfassla apposta; jemma, barra minn hekk, li l-politika ta' koeżjoni għandha tkun orjentata aktar lejn l-investiment fin-nies, billi l-ekonomiji reġjonali jistgħu jingħataw spinta permezz ta' taħlita effettiva ta' investimenti fl-innovazzjoni, fil-kapital uman, fil-governanza tajba u fil-kapaċità istituzzjonali;
35. Jinnota li l-kooperazzjoni territorjali Ewropea hija wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza l-valur miżjud tal-kooperazzjoni territorjali b'mod ġenerali u l-kooperazzjoni transfruntiera b'mod partikolari; josserva li r-reġjuni tal-fruntiera kienu partikolarment affettwati mill-pandemija u li l-irkupru tagħhom għandu t-tendenza li jkun aktar bil-mod minn dak ta' reġjuni metropolitani; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza li jitneħħew l-ostakli għall-kooperazzjoni transfruntiera u jenfasizza li l-Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew (ECBM) propost mill-Kummissjoni kien jgħin biex jitneħħew aktar minn 50 % tal-ostakli eżistenti; jiddeplora profondament l-iffriżar tal-proċess leġiżlattiv relatat mal-ECBM min-naħa tal-Kunsill; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa, inkluża t-tnedija mill-ġdid tal-ECBM, biex din il-kooperazzjoni ssir aktar dinamika u effettiva għall-benefiċċju taċ-ċittadini; jenfasizza l-importanza ta' aktar finanzjament għal Interreg b'appoġġ għall-kooperazzjoni tar-reġjuni bejn il-fruntieri; jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta' proġetti fuq skala żgħira u transfruntiera li jlaqqgħu lin-nies flimkien; jenfasizza l-importanza tal-investimenti transfruntiera f'termini ta' titjib fl-innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija, soluzzjonijiet komuni u sinerġiji;
36. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-investimenti f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja fil-bini tar-reżiljenza soċjali u l-indirizzar tal-kriżijiet ekonomiċi, sanitarji u soċjali;
37. Jinnota li r-riforma tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu finanzjarju 2021-2027 ikkontribwiet għal aktar simplifikazzjoni u flessibbiltà fl-użu tal-fondi min-naħa tal-benefiċjarji u l-awtoritajiet maniġerjali; jilqa' l-flessibbiltà proposta mill-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+), li wrew li l-politika ta' koeżjoni hija għodda eċċellenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi; ifakkar, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni hija politika ta' investiment fit-tul u għalhekk għandu jinħoloq mekkaniżmu ddedikat ta' rispons għall-kriżijiet fl-ambitu tal-QFP li jmiss; jistieden lill-Kummissjoni tistħarreġ l-effetti prattiċi

tal-miżuri ta' simplifikazzjoni u tippromwovi aktar simplifikazzjoni, inkluż fl-għamla ta' soluzzjonijiet diġitali, flessibilità u parteċipazzjoni taċ-ċittadini; jitlob lill-Istati Membri, għalhekk, jgħinu lill-benefiċjarji, speċjalment lill-benefiċjarji ta' proġetti fuq skala żgħira, jagħtu l-appoġġ tagħhom għal inizjattivi privati bħala ġeneraturi tal-impjiegi u r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u jqarrbu l-politika ta' koeżjoni lejn iċ-ċittadini kollha tal-UE;

38. Jenfasizza li r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt²⁹ jistabbilixxi r-rispett għall-istat tad-dritt bħala kundizzjoni għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni; iqis li hemm bżonn jissaħħa ir-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tistabbilixxi modi li permezz tagħhom tiżgura li ċ-ċittadini tal-Istati Membri li għalihom ikun skatta l-Artikolu 7(1) tat-TFUE ma jiġux imċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi tal-UE minħabba l-azzjonijiet tal-gvernijiet tagħhom, u li l-awtoritajiet reġjonali u lokali ta' dawn l-Istati Membri ma jiġux penalizzati f'każ li jkun ġie attivat il-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt; jistenna li l-Kummissjoni, għalhekk, tqis bis-sħiħ l-aspetti tal-istat tad-dritt tul il-proċess kollu tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni;
39. Jistieden lill-Istati Membri jniedu strateġiji kuraġġużi biex jiftħu l-bibien għal investiment pubbliku u privat fit-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u demografika b'tali mod li jirristrutturaw il-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħhom b'mod pożittiv għas-soċjetà;
40. Jinkoraġġixxi tnaqqis fl-għadd ta' korpi intermedji involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi ta' koeżjoni billi jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kompetenzi tal-korpi intermedji ta' daqs kritiku u, fejn possibbli, jiġu identifikati one-stop shops għall-benefiċjarji;
41. Jisħaq fuq il-bżonn li jinħoloq qafas li jiggarantixxi l-istabbiltà legali b'regoli sempliċi, ċari u prevedibbli, partikolarment fir-rigward tal-ġestjoni u l-awditjar; jitlob li, kemm jista' jkun, tiġi evitata kwalunkwe applikazzjoni u interpretazzjoni retrospettiva tar-regoli; jissuġġerixxi t-tnedija ta' proċess ta' riflessjoni dwar il-limitu tar-rata ta' żball totali għal kull sena li taħtha s-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm titqies li tkun qed tiffunzjona b'mod effettiv u l-kapaċità tal-awtoritajiet maniġerjali li jirrispettaw din id-dispożizzjoni tar-regolament mingħajr ma jippenalizzaw lill-benefiċjarji; huwa tal-fehma li dan il-limitu għandu jizjed għal 5 %;
42. Jiddispaċi li l-SDGs tan-NU bħal donnhom tilfu l-pass fin-narrattiva tal-UE, partikolarment fir-rigward tal-effetti tal-mitigazzjoni tal-kriżijiet, u dan qed jipperikola l-possibilità li jiġu implimentati sal-2030; jinkoraġġixxi li titkompla l-mobilizzazzjoni qawwija ta' fondi mill-politika ta' koeżjoni tal-UE f'termini ta' għajnuna għall-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell reġjonali u lokali, pereżempju fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li aspetti ta' ugwaljanza u inklużjoni għandhom jissaħħu anke iżjed fl-iżvilupp reġjonali; ifakkar fl-importanza tal-integrazzjoni tas-sessi fil-politika ta' koeżjoni u jenfasizza r-rwol speċifiku tan-nisa, partikolarment f'żoni rurali remoti, li għandhom rwol ewlieni fis-soċjetà ċivili u fit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u fl-istess ħin jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għas-suq

²⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

tax-xogħol kif ukoll għal pagi ugwali u servizzi pubbliċi bħas-saħħa u l-kura tat-tfal;

43. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għaż-żieda fil-baġit allokat għall-perjodu 2021-2027 għall-politika ta' koeżjoni l-ġdida li, pari passu ma' enfasi qawwija fuq azzjonijiet intelliġenti, ekoloġiċi u soċjali, se tipprovdi biżżejjed kunfidenza għal proġetti innovattivi ġodda; jitlob koordinazzjoni b'saħħitha bejn dawn il-fondi u l-programmi u l-azzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;
44. Jenfasizza li l-investment fin-nies huwa kruċjali biex jgħin hom jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, jinkoraġġixxi l-kreattività tagħhom u jstimula l-innovazzjoni, u li ċertament il-volontarjat jista' jikkontribwixxi għalih; jemmen li għandhom jiġu ppreservati jew jinħolqu impjiegi ta' kwalità u mħallsin tajjeb, flimkien ma' taħriġ (u taħriġ mill-ġdid) sabiex jiġi miġġieled il-faqar u titħeġġeġ l-integrazzjoni tal-migranti u r-rifuġjati, filwaqt li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;
45. Jenfasizza l-importanza li jitħares il-prinċipju tas-sħubija fil-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ kollu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE u li tiġi stabbilita kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-NGOs u partijiet ikkonċernati oħra; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tkun aktar attiva fil-protezzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni mit-theddid li ġej minn pressjoni fuq id-demokrazija u l-valuri tagħha f'ċerti Stati Membri;
46. Ifakkar li l-impatt tal-Brexit ikkontribwixxa għal tfixkil fl-ekonomija, fil-kooperazzjoni interreġjonali, fl-ekosistemi tar-riċerka u fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tar-reġjuni tal-UE; jistieden lil dawk kollha involuti jkomplu jgħinu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali li qed ibatu mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE; iqis li kwalunkwe riflessjoni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027 titlob li jkomplu jitqiesu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali permanenti tal-Brexit fuq ir-reġjuni tal-UE; jistieden ukoll lill-Gvern tar-Renju Unit jiffinanzja l-parteċipazzjoni tal-pajjiż fil-programmi Interreg;
47. Ifakkar li l-Artikolu 175 tat-TFUE jgħid li l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kull tliet snin; iqis li l-impatt ikkombinat tal-kriżi tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna jrid jiġi vvalutat fid-dettall fid-9 Rapport dwar il-Koeżjoni sa mhux aktar tard minn Mejju 2025;
48. Jitlob aċċess aħjar għall-finanzjament biex ikunu jistgħu jsiru investimenti fit-tranżizzjoni tal-enerġija lokali, inkluż f'termini ta' effiċjenza enerġetika, distribuzzjoni deċentralizzata tal-enerġija u enfasi qawwija fuq sorsi rinnovabbli; jenfasizza l-bżonn, f'dan il-kuntest, li l-politika ta' koeżjoni tappoġġa r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija sabiex jiġu ffrankati r-riżorsi u tiġi żgurata akkomodazzjoni għal kulħadd; jenfasizza l-bżonn, barra minn hekk, li binjiet storikament u soċjoekonomikament sinifikanti jiġu ppreservati u ttrasformati;
49. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li l-infiq pubbliku fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni min-naħa tal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-ambitu tal-Fondi SIE ma jitqiesx bħala nefqa strutturali nazzjonali jew ekwivalenti kif definit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, speċjalment jekk dan l-infiq ma jiddevjax mit-tweqqi tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;

50. Jissottolinja li r-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għandhom ikunu allinjati għall-politiki tal-UE sabiex il-programmi tal-politika ta' koeżjoni li jridu jsegwu r-regoli kollha dwar l-ghajjnuna mill-Istat ma jitpoġġewx f'pożizzjoni żvantaġġata meta mqabbla ma' politiki oħra tal-UE li huma eżentati minnha; jitlob, barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' preżunzjoni ta' konformità mar-reġim tal-ghajjnuna mill-Istat, fejn possibbli, sabiex il-politiki ta' investment tal-UE jitqiegħdu kollha fuq l-istess livell u tiġi evitata l-kompetizzjoni bejniethom;
51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jagħmlu sforzi biex isaħħu l-komunikazzjoni u l-viżibilità billi jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' importanza strateġika u sejħiet għal proposti imminenti; jilqa' t-tnedija tad-database l-ġdida Kohesio u jitlob li s-sit ikun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE malajr kemm jista' jkun; jenfasizza li Kohesio għandha tipprovdi data dwar il-proġetti ta' koeżjoni u territorjali kollha, inklużi dawk relatati mal-iżvilupp rurali, kofinanzjati mill-FAEŻR u l-programm Leader, u tippermetti lill-utenti jfittxu proġetti relatati mal-oqsma tematiċi tagħhom bil-għan li tiġi pprovduta pjattaforma li tikkondividi Prattiki tajba u tippromwovi proġetti ta' eċċellenza;
52. Jenfasizza li politiki oħra tal-UE jistgħu jimminaw il-koeżjoni; jilqa' l-fehma tal-Kummissjoni, għalhekk, li l-politiki orizzontali għandhom jinkorporaw il-mekkaniżmu tal-verifika reġjonali u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-impatt ta' politiki oħra fuq l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni;
53. Jenfasizza li l-infiq tal-politika ta' koeżjoni, bħal kif inhu l-każ bl-infiq kollu tal-UE, jista' jkun soġġett għal attivitajiet irregolari, marbuta ma' korruzzjoni u frodi; jitlob finanzjament u persunal adegwati għall-aġenziji u l-korpi rilevanti, partikolarment l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet tagħhom kif xieraq u jirkupraw fondi użati ħażin; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni fil-fond biex tevita kwalunkwe abbuż ta' fondi tal-UE u kull ksur tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali qabel ma tapprova kwalunkwe ftehim ta' sħubija u programm fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni;
54. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni REPowerEU tinkludi possibbiltajiet akbar għat-trasferiment ta' allokkazzjonijiet baġitarji għall-RRF mill-politika ta' koeżjoni; jissottolinja li aktar minn EUR 100 biljun f'riżorsi tal-politika ta' koeżjoni se jiġu investiti fit-tranżizzjoni tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni u sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2030; jitlob, għalhekk, aċċelerazzjoni fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni;
55. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva u armonizzata fil-livell tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjan ta' kontinġenza biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari fi żminijiet ta' kriżi, kif spjegat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett (COM(2021)0689);
56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri;

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni ppubblikat it-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni fid-9 ta' Frar 2022, f'it xhur wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu ta' finanzjament 2021-2027. F'dan il-kuntest partikolari, ir-rapporteur fittxet li tisset it-tagħlimiet mir-rapport ippubblikat mill-Kummissjoni u, flimkien mat-tagħlimiet meħuda min-negozjar tar-RDK, tużahom bħala bażi għal proposti konkreti għall-futur tal-politika ta' koeżjoni.

Ir-rapport tal-Kummissjoni jgħid li l-politika ta' koeżjoni tista' sserraħ moħħ l-Ewropej bi tliet modi: l-ewwel nett, billi toffrilhom perspettiva ekonomika pożittiva għar-reġjun tagħhom; it-tieni, billi tindirizza t-tħassib tagħhom dwar il-kwalità tal-ħajja, l-opportunitajiet ta' impjegi u l-inklużjoni soċjali; u t-tielet, billi tiżgura li l-ispejjeż u l-benefiċċji biex jingħelbu l-isfidi l-ġodda jinqasmu b'mod ġust.

Ir-rapporteur siltet tagħlimiet min-negozjati tal-aħħar perjodu ta' finanzjament u waslet għall-konklużjoni li jidher improbabbli li l-programmi jibdwu fil-ħin jekk in-negozjati tal-QFP dejjem idewmu n-negozjati tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-bidu tal-programmi. Għaldaqstant – f'tentattiv biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema – ir-rapporteur tissuġġerixxi li jkun hemm RDK wieħed iżda b'żewġ partijiet separati: waħda li tittratta l-aspetti politiċi u l-oħra li tittratta l-kwistjonijiet finanzjarji. Ir-rapporteur tittama li r-reġjuni mbagħad ikunu jistgħu jserrħu fuq l-eżitu tan-negozjati politiċi aktar kmieni u jkunu diġà jistgħu jibdwu jfasslu l-programmi tagħhom.

Ir-rapport jissottolinja li fit-30 sena li ġejjin, it-tkabbir tal-UE se jkun xprunat mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Dan se jgħib miegħu opportunitajiet ġodda, iżda jirrikjedi bidliet strutturali sinifikanti li x'aktarx joħlqu disparitajiet reġjonali ġodda. Bi qbil mar-rapport tal-Kummissjoni, ir-rapporteur targumenta li huwa meħtieġ appoġġ permezz ta' "JTF II" għid biex jgħin fit-tranżizzjoni tar-reġjuni għal newtralità klimatika sal-2050 u jiġu evitati disparitajiet reġjonali ġodda. Il-baġit ta' dan il-"JTF II" għandu jkun addizzjonali għall-Fondi ta' Koeżjoni attwali u l-JTF II għandu jiġi integrat bis-siġħ fir-RDK u l-prinċipju tas-sħubija. Dan għandu jgħin lir-reġjuni li għandhom emissjonijiet ta' CO₂ per capita għoljin u lill-industriji fi tranżizzjoni bħall-industrija tal-azzar jew tal-aluminju. Ir-reġjuni (fil-livell NUTS 3), irrispettivament mill-kategorija tagħhom, għandu jkollhom aċċess għall-"JTF II".

Sabiex il-politika ta' koeżjoni tkompli tiġi ssimplifikata u bil-prospett li jkun hemm "JTF II" għid, li jkopri l-biċċa l-kbira tar-reġjuni fi tranżizzjoni, ir-rapporteur tirrakkomanda li ma jkunx hemm aktar reġjuni fi tranżizzjoni iżda, minflok, ikun hemm biss reġjuni inqas żviluppati u reġjuni aktar żviluppati. Ir-reġjuni inqas żviluppati b'PDG per capita sa 90 % meta mqabbel mal-medja tal-UE għandhom jirċievu kofinanzjament ta' 85 % u r-reġjuni aktar żviluppati b'PDG per capita ta' l fuq minn 90 % għandhom jirċievu kofinanzjament ta' 70 %.

Ir-rapport tal-Kummissjoni jenfasizza l-impenji li l-UE adottat bil-Patt Ekoloġiku Ewropew, bil-mira li l-ekonomija tal-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050. Dan jirrikjedi tnaqqis rapidu fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), aktar investiment f'teknoloġiji ekoloġiċi u ħarsien tal-ambjent naturali. Għad hemm telfien ta' bijodiversità u degradazzjoni tas-servizzi ekosistemiċi fl-UE fl-ekosistemi tal-art, tal-ilma ħelu u tal-baħar. Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom jikkontribwixxu bi 30 % u 37 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni rispettivament għan-nefqa appoġġata għall-ilħuq tal-obiettivi klimatiċi stabbiliti għall-baġit tal-Unjoni. Madankollu, ma ssir l-ebda distinzjoni

bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u dan ġie kkritikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mhux biss. Għalhekk, mhuwiex ċar kemm il-politika ta' koeżjoni tikkontribwixxi għall-mira tal-UE ta' newtralità klimatika sal-2050. Ir-rapporteur tikkunsidra kruċjali li fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss issir din id-distinzjoni, peress li l-politika ta' koeżjoni hija strument tal-Unjoni bis-setgħa li tidderieġi lir-reġjuni lejn il-futur.

Ir-rapport tal-Kummissjoni jgħid li żdiedet il-pessjoni fuq id-demokrazija u l-valuri tagħha f'ċerti Stati Membri. L-istrumenti territorjali li jinvolvu l-atturi lokali fi bliet, irħula, żoni rurali, żoni kostali u gżejjer u l-prinċipju tas-sħubija fil-politika ta' koeżjoni jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata l-pessjoni fuq id-demokrazija billi tiżdied is-sjieda tal-politiki Ewropej. Madankollu, ir-rapporteur hija tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tieħu passi ulterjuri biex tiproteġi l-baġit tal-Unjoni f'dawn l-Istati Membri.

Is-sehem tal-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd fl-impjiegi fir-reġjuni rurali fl-UE naqas minn 21 % għal 11,5 % bejn l-2000 u l-2018, kif innotat il-Kummissjoni fil-Viżjoni fit-tul tagħha għaż-Żoni Rurali tal-UE u fir-Rapport tagħha dwar sett ta' għodod għall-korpi deċiżjonali nazzjonali u reġjonali. Għaldaqstant, ir-rapporteur temmen li huwa neċessarju li l-FAEŻR jinvesti aktar fil-ħtiġijiet tan-nies fiż-żoni rurali li mhumiex jaħdmu f'dawn is-setturi u li jiffaċċjaw problemi bħad-deżertifikazzjoni rurali, tnaqqis fil-komunitajiet fil-qalba tal-ibliet, żoni mingħajr servizzi suffiċjenti tal-kura tas-saħħa jew nuqqas ta' infrastruttura tal-broadband. Biex jinkiseb dan, ir-rapporteur targumenta li jkun ta' benefiċċju għall-FAEŻR li jkun taħt ir-regolament umbrella tar-RDK.

Ir-rapport tal-Kummissjoni jagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni "maqbuda fnassa ta' introjtu medju". Biex jiġi evitat li fil-futur l-iżvilupp jitrażżan, ir-reġjuni inqas żviluppatti se jkollhom bżonn jagħtu spinta lill-edukazzjoni u t-taħriġ, iżidu l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u jtejbu l-kwalità tal-istituzzjonijiet tagħhom. Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-rapporteur tikkunsidra li huwa kruċjali għall-Kummissjoni li tiddefinixxi dawn ir-reġjuni u tallokalhom ammont akbar ta' finanzjament mill-FSE+ għall-edukazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE: it-8 Rapport dwar il-Koeżjoni (2022/2032(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Karlo Ressler

SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-politika ta' koeżjoni fit-trawwim tal-konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali madwar l-UE; jesprimi tħassib, madankollu, dwar l-inugwaljanzi persistenti, id-disparitajiet soċjoekonomiċi u t-tnaqqis demografiku irregolari, billi ħafna reġjuni inqas żviluppati qed jaqgħu lura u jinqabdu fi żvilupp imrażżan wara l-pandemija tal-COVID-19; huwa konvint, madankollu, li l-politika ta' koeżjoni tista' tkompli taqdi r-rwol attwali tagħha bħala vettur għall-investment u l-ħolqien tal-impjiegi b'finanzjament sod;
2. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni trid tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-obiettivi u l-miri ġenerali tal-politika tal-UE, b'mod partikolari l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u li trid tikkonforma mal-prinċipji orizzontali bħar-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-antidiskriminazzjoni u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti";
3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-politika ta' koeżjoni tkompli tappoġġja l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, li jaffettwa b'mod sproporzjonat lir-reġjuni sottożviluppati, prinċipalment dawk li jinsabu fil-partijiet tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Ewropa, kif ukoll tranżizzjoni ġusta, b'mod partikolari fir-rigward tal-faqar enerġetiku, l-ugwaljanza u l-integrazzjoni tal-ġeneri, l-intraprenditorija, l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura, filwaqt li tindirizza l-problema tal-eżodu ta' mħuħ;
4. Jappella għal enfasi speċifika fil-koeżjoni fuq reġjuni bi tkabbir baxx u ifqar, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-Inizjattiva Catching-Up; jenfasizza l-ħtieġa ta' verifika territorjali u valutazzjonijiet tal-impatt fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, u jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni li jmiss ta' linji gwida speċifiċi f'dan ir-rigward;
5. Jinsab imħasseb dwar l-impatt tal-pandemija u tal-gwerra fl-Ukrajna fuq l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tal-Istati Membri u l-perspettivi ta' żvilupp tal-atturi lokali u reġjonali jenfasizza li l-influss

attwali ta' rifuġjati Ukreni jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-Istati Membri ġirien, u dan jirriskja li jkompli jaggrava d-disparitajiet soċjoekonomiċi; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-pandemija u l-gwerra fl-Ukrajna fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti u tressaq l-aġġustamenti meħtieġa biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa, inkluż biex tikkunsidra, fejn rilevanti, perjodu ta' estensjoni għall-implimentazzjoni tal-proġetti milquta;

6. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni, b'baġit ta' EUR 392 biljun bejn l-2021 u l-2027, għadha l-għodda ewlenija ta' investment tal-UE u jinnota li s-sehem tagħha ta' investment pubbliku fl-Istati Membri żdied b'mod konsiderevoli matul il-perjodu 2014-2020, li rriżulta mit-tnaqqis tal-investimenti pubbliċi nazzjonali minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, li affettwa r-reġjuni ifqar b'mod partikolari; jenfasizza l-importanza tar-regola tal-addizzjonalità;
7. Jenfasizza li, filwaqt li l-istrumenti finanzjarji jista' jkollhom rwol akbar fl-iżblukkar tal-investimenti mis-settur privat, dawn għandhom ikunu komplementari għall-għajnuna u l-għotjiet diretti; jemmen li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jingħataw aċċess dirett għall-finanzjament ta' koeżjoni;
8. Jenfasizza l-importanza ta' proġetti u investimenti transfruntiera, u jhegġegħ lill-Kummissjoni tiżviluppa opportunitajiet ta' finanzjament biex tqarreb atturi minn reġjuni differenti (permezz tal-Interreg);
9. Jenfasizza li l-infiq tal-politika ta' koeżjoni, bħal kif inhu l-każ bl-infiq kollu tal-UE, jista' jkun soġġett għal attivitajiet irregolari, marbuta ma' korruzzjoni u frodi; jitlob finanzjament u persunal adegwati tal-aġenziji u l-korpi rilevanti, b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi sabiex ikunu jistgħu jwettqu investigazzjonijiet kif xieraq u jirkupraw fondi użati ħażin; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni fil-fond biex tipprevjeni kwalunkwe abbuż tal-fondi tal-UE u ksur tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali qabel ma tapprova kwalunkwe ftehim ta' sħubija u programm tal-politika ta' koeżjoni;
10. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021-2027; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu kif xieraq il-koeżjoni interna territorjali meta jabbozzaw u jimplimentaw il-proġetti tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-adozzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi; jenfasizza li s-sottoimplimentazzjoni mtawla tal-fondi ta' koeżjoni tista' twassal għal akkumulazzjoni anormali ta' pagamenti fit-tieni parti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali, li tagħmel pressjoni addizzjonali fuq il-pagamenti u l-impenji pendenti ("Reste à liquider" (RAL)) matul in-negozjati dwar il-QFP ta' wara l-2027;
11. Ifakkar li, bħala riżultat ta' dewmien fl-implimentazzjoni fl-2021, l-Istati Membri ma impenjawx EUR 46,4 biljun fl-ambitu tal-Intestatura 2a tal-baġit tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta' assorbiment insuffiċjenti u, fejn rilevanti, tressaq l-aġġustamenti meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi 2021-2027; jappella għal aktar simplifikazzjoni u flessibilità fir-rigward tal-

użu tal-fondi tal-UE għall-perjodu 2014-2020, b'mod partikolari għal proġetti milquta ħafna mill-gwerra jew mill-pandemija;

12. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni ġenwina tal-Prinċipju tas-Sħubija u huwa tal-fehma li l-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll iċ-ċittadini, għandhom jiġu inklużi aħjar fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-proċess ta' finanzjament; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu minimizzati l-piżijiet amministrattivi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sa fejn hu possibbli;
13. Jiddispjaċih li n-natura limitata fiż-żmien tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) wasslet lill-Istati Membri biex jipprioritizzaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, u jinsab imħasseb li dan jista' jaffettwa r-rapidità tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati komplementarjetajiet u sinerġiji bejn il-politika ta' koeżjoni, l-RRF u strumenti oħra ta' politika, biex jiġi żgurat impatt massimu;
14. Jissottolinja li l-assistenza teknika għadha kruċjali għall-implimentazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tappoġġja u tassisti lill-Istati Membri biex iħaffu t-tħejjija u l-adozzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi, b'mod partikolari fir-reġjuni ġirien tal-Ukrajna, biex iżżid il-preżenza tagħha fil-post u biex tingħata prijorità lill-assistenza teknika f'każijiet fejn l-implimentazzjoni tal-proġetti ddewmet;
15. Jilqa' l-flessibbiltà introdotta permezz tal-proposti ta' Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Rifuġjati fl-Ewropa (CARE) biex tgħin lill-Istati Membri jitrattaw l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna, skont il-mudell tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus, CRII u CRII+; jenfasizza, madankollu, li primarjament il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jrid jaqdi l-oġettivi ta' politika fit-tul tiegħu u ma jsirx sors ta' finanzjament biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fil-flessibbiltà baġitarja jew fil-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet fi ħdan il-QFP;
16. Jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tiżgura, bħala kwistjoni ta' urġenza, li jkun hemm fis-seħħ biżżejjed fondi u li l-assistenza hija direzzjonata l-awtoritajiet responsabbli u l-NGOs li jitrattaw ir-refuġjati Ukreni fl-Istati Membri tal-UE, b'enfasi speċifika fuq l-Istati Membri li jassorbu l-akbar proporzjoni tal-fluss tar-rifuġjati; jenfasizza li għandha dejjem tiġi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għall-appoġġ lill-familji u lill-entitajiet ospitanti, sabiex jittaffa l-piż għall-unitajiet domestiċi li jospitaw lir-rifuġjati;
17. Jesprimi tħassib li l-proposta tal-Kummissjoni REPowerEU tinkludi ambitu akbar għat-trasferiment tal-allokazzjonijiet baġitarji għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mill-politika ta' koeżjoni; jissottolinja li aktar minn EUR 100 biljun ta' riżorsi tal-politika ta' koeżjoni se jiġu investiti fit-tranżizzjoni tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli sal-2030; jitlob, għalhekk, implimentazzjoni aċċellerata tal-politika ta' koeżjoni.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	21.6.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pietro Bartolo, Olivier Chastel, Andor Deli, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Niclas Herbst, Joachim Kuhs, Zbigniew Kuźmiuk, Pierre Larrourou, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Johan Van Overtveldt, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anna-Michelle Asimakopoulou, Rosa D'Amato, Jonás Fernández, Fabienne Keller, Petri Sarvamaa
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Sunčana Glavak, Gilles Lebreton, Christian Sagartz, Marc Tarabella

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

24	+
PPE	Asim Ademov, Anna-Michelle Asimakopoulou, José Manuel Fernandes, Sunčana Glavak, Niclas Herbst, Siegfried Mureşan, Christian Sagartz, Petri Sarvamaa, Rainer Wieland
RENEW	Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Fabienne Keller, Nils Torvalds
S&D	Pietro Bartolo, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Pierre Larrousurou, Margarida Marques, Victor Negrescu, Marc Tarabella, Nils Ušakovs
VERTS/ALE	Rosa D'Amato, Alexandra Geese

3	-
ID	Joachim Kuhs, Gilles Lebreton
NI	Andor Deli

3	0
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Bogdan Rzońca, Johan Van Overtveldt

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

1.07.2022

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE: it-8 Rapport dwar il-Koeżjoni (2022/2032(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Dacian Cioloș

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka li s-settur tal-biedja u tat-trobbija tal-bhejjem ilu jbati minn bosta kriżijiet bħall-kriżi klimatika, il-gwerer kummerċjali, l-effetti tal-pandemija u l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna, flimkien ma' żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, tal-materja prima u tal-provvisti; jirrimarka, barra minn hekk, li diversi kriżijiet qed joħolqu sfidi partikolari għall-politika ta' koeżjoni u s-solidarjetà Ewropea, peress li qed jiddestabilizzaw is-settur agrikolu, inaqqsu s-sigurtà tal-ikel fi ħdan l-UE kif ukoll il-produzzjoni agrikola tal-Unjoni u l-provvista tal-ikel lil pajjiżi terzi, u jżidu r-riskju ta' staġnar ekonomiku mifruż, li se jenfasizza u jżid id-disparitajiet perċepiti fil-ġid bejn il-pajjiżi u r-reġjuni tal-UE, speċjalment iż-żoni rurali, li jinsabu f'riskju partikolari ta' telf ta' impjegi u faqar; jenfasizza li dawn il-kriżijiet kollha qed jaffettwaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żoni agrikoli u għalhekk il-koeżjoni soċjali u territorjali; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa ta' reazzjonijiet immedjati u xierqa għall-ħtiġijiet urġenti u t-theddid futur, bl-użu tal-istrumenti fl-ambitu kemm tal-politika agrikola komuni (PAK) u kemm tal-politika ta' koeżjoni;
2. Ifakkar fir-rwol ewlieni li l-bdiewa u s-settur agroalimentari jaqdu u qdew speċjalment matul il-pandemija tal-COVID-19, minkejja li ħabbtu wiċċhom ukoll ma' żidiet qawwija estensivi fil-kostijiet tal-input u ma' diffikultajiet loġistiċi biex jiżguraw li ma jinqatax l-aċċess għal ikel ta' kwalità u għall-but ta' kulħadd, speċjalment fil-ktajjen tal-provvista qosra u għall-ikel imkabbar lokalment; iqis, għalhekk, li għandhom jiġu żviluppanti provvisti lokali sabiex isiru permanenti, peress li jiżguraw żidiet fl-introjtu tal-bdiewa u jippermettu lill-konsumaturi jkollhom aċċess għal prodotti ta' kwalità;
3. Ifakkar li t-tranżizzjoni ekoloġika fil-produzzjoni tal-ikel tista' tkun sitwazzjoni li fiha kulħadd joħroġ rebbieħ għall-produtturi primarji, l-ambjent, u s-soċjetà kollha kemm hi; jenfasizza, għalhekk, li l-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari l-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", jistgħu jkun għodod għal żvilupp aktar armonizzat, koeżiv u

sostenibbli fl-UE;

4. Ifaħħar ir-rwol li wettqu l-ħaddiema migranti matul il-pandemija, li għenu lill-bdiewa tagħna fis-setturi tal-agrikoltura li jirrikjedu ħafna ħaddiema;
5. Jisħaq li ż-żoni rurali saru aktar attraenti għan-nies minn reġjuni oħra minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u b'hekk ħolqu l-kundizzjonijiet għat-treġġiġħ lura ta' ċerti xejriet negattivi li kienu qed jolqtu liż-żoni rurali; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jiffukaw aktar attenzjoni u riżorsi fuq l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni, speċjalment f'oqsma bħall-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali fir-reġjuni fejn il-livelli ta' penetrazzjoni tal-aċċess għall-internet huma taħt il-medja tal-UE;
6. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva u armonizzata fil-livell tal-UE tal-pjan ta' kontinġenza biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi, spjegat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan (COM(2021)0689);
7. Jisħaq fuq l-importanza li tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema agroalimentari tal-Unjoni u li din tiġi mgħammra bl-għodod u l-flessibbiltà meħtieġa biex tiffaċċja kriżijiet ġodda, bħall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, billi jsir investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-assistenza teknika lill-bdiewa biex jaċċessaw tipi differenti ta' finanzjament, id-diġitalizzazzjoni, kampanji ta' promozzjoni biex jitkabbar is-settur organiku u t-tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar sostenibbli u territorjalment konnessa; ifakkar fil-ħtieġa primarja li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni Ewropea u globalment, b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi vulnerabbli, u r-responsabbiltà tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi li jiddependu mill-importazzjonijiet tal-ikel; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola sostenibbli tal-Ewropa huwa prerekwiżit għas-sigurtà tal-ikel tal-kontinent tagħna;
8. Jinnota li l-politika ta' koeżjoni u l-istrateġiji ambjentali reġjonali joffru opportunitajiet biex jingħata appoġġ lill-investimenti sostenibbli tal-bdiewa u tal-maniġers tal-foresti fl-adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-prevenzjoni tal-għargħar, tan-nixfa u tan-nirien; jissuġġerixxi li fil-ġejjieni dawn l-opportunitajiet jiġu enfasizzati sabiex l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali jiġu mħeġġa jagħmlu użu sħiħ tagħhom;
9. Ifakkar fl-impatt pożittiv li l-PAK kellha fuq ir-reġjuni Ewropej matul dawn l-aħħar 60 sena, b'mod partikolari fuq il-mitigazzjoni tax-xejriet demografiċi; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-komplementarjetà, il-koordinazzjoni, il-flessibbiltà u l-koerenza u tadotta approċċ trasversali għall-politiki Ewropej kollha għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, tagħti prijorità lill-aċċellerazzjoni tas-sinerġiji u l-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari għall-politika ta' koeżjoni u dik agrikola, inklużi proġetti ffinanzjati permezz tal-faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, billi tiżgura l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza fl-iżvilupp rurali, is-sostenibbiltà agrikola u l-koeżjoni territorjali; jenfasizza l-ħtieġa ta' koordinazzjoni effettiva bejn il-politiki Ewropej u dawk nazzjonali kif ukoll il-ħtieġa li matul l-implimentazzjoni jitneħħew il-piżijiet amministrattivi ħalli r-reġjuni u t-territorji jkunu jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet offriti minn dawn l-istrumenti finanzjarji;
10. Jinnota l-importanza li jiġi enfasizzat il-fatt li l-iżvilupp rurali fir-reġjuni insulari qed jiffaċċja sfidi speċjali;

11. Jenfasizza l-importanza tal-politika ta' koeżjoni tal-UE għaż-żoni rurali, fejn jgħixu kważi 30 % tal-popolazzjoni tal-UE u li jammontaw għal aktar minn 80 % tat-territorju tagħha; ifakkar li ż-żoni rurali tagħna huma fil-qalba tal-produzzjoni tal-ikel tagħna u huma parti mill-ġid tal-kontinent tagħna; jenfasizza r-rwol li viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE għandha taqdi fit-trawwim ta' sinerġiji bejn il-politiki differenti tal-UE billi jiġi stabbilit qafas għall-kooperazzjoni flessibbli bbażata fuq l-assistenza kontinwa għall-bdiewia, bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati u billi jiġu implimentati l-inizjattivi previsti fil-pjan ta' azzjoni rurali; jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tas-sħubija u tal-involvement tal-atturi lokali u reġjonali fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-iżvilupp rurali u l-koeżjoni territorjali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti objettivi tal-politika ta' koeżjoni u tal-PAK li jkunu konsistenti u komparabbli bejniethom; jisħaq li dawn il-proċessi għandhom iqisu l-perspettiva tal-ġeneru;
12. Jinnota li d-depopolazzjoni għandha impatt negattiv fuq il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-UE, speċjalment fiż-żoni rurali u dawk remoti; jenfasizza li din is-sitwazzjoni żżid l-esklużjoni ekonomika kif ukoll ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jiddedikaw aktar fondi mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-politika ta' koeżjoni għall-finanzjament taż-żoni rurali;
13. Jissottolinja l-importanza tas-settur agrikolu għall-ħolqien tal-impjiegi u l-iżgurar tal-għajxien fiż-żoni rurali u tal-ħtieġa li jiġu miġġielda d-depopolazzjoni u l-abbandun taż-żoni rurali, li huwa partikolarment serju fir-reġjuni remoti u muntanjużi minħabba l-potenzjal baxx ta' introjtu u produttività tal-attivitajiet agrikoli f'dawn iż-żoni; jenfasizza l-problema tat-tixjiħ demografiku fl-Unjoni, li tista' tiġi aggravata fis-snin li ġejjin; jenfasizza l-importanza li jiġu promossi miżuri mfasla biex jistabbilizzaw il-livelli tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali permezz ta' politiki mmirati u l-allokazzjoni tal-fondi meħtieġa, billi jinħolqu u jiġu ffaċilitati kundizzjonijiet favorevoli għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u biex abitanti ġodda u ż-żgħażaġh jiġu attirati lejn iż-żoni rurali u għall-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażaġh fis-settur agrikolu billi jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi bejn l-agrikoltura u setturi oħra, billi jiġu identifikati soluzzjonijiet biex jiġi żgurat kumpens għall-introjtu għall-bdiewia f'konformità maż-żieda aċċellerata fil-prezzijiet, billi jiżdiedu l-produttività tax-xogħol u l-kompetittività tan-negozju, tittejjeb il-konnettività diġitali permezz ta' networks ta' kapacià għolja fiż-żoni rurali, billi jiżdied il-finanzjament għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-biedja u tat-trobbija tal-bhejjem, u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja billi jiġu mħeġġa l-investimenti fl-infrastruttura u speċjalment fis-saħħa, fl-infrastruttura tal-iskejjel u tat-toroq u fis-servizzi;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li jkompli jsir investiment fit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika u fl-innovazzjoni u fit-taħriġ fil-ħiliet rurali sabiex jitnaqqsu d-distakki bejn iż-żoni rurali u dawk urbani u jttejbu l-attraenza u d-dinamiżmu taż-żoni rurali b'mod ġenerali. jiddispjaċih li llum persuna waħda biss minn kull sitta fiż-żoni rurali tal-Unjoni għandha aċċess għal networks tal-broadband b'veloċità għolja ħafna; jenfasizza li t-tranżizzjoni lejn mudell agrikolu diġitali u modernizzat mhux se tkun possibbli jekk ma tittejjibx il-konnettività taż-żoni rurali tal-UE; jenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali, tal-ħaddiema u tal-kumpaniji fir-reġjuni sottożviluppati fil-forniment ta' edukazzjoni u taħriġ biex l-abitanti jitħejjew aħjar biex jirrispondu għal sfidi ġodda, ħaġa li tgħin lill-awtoritajiet

lokali, lill-ħaddiema u lill-kumpaniji jqisu aktar l-isfidi l-ġodda li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-reġjuni sottożviluppatti; jinnota li t-trasformazzjoni diġitali fl-Ewropa għadha waħda irregolari; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-kapaċitajiet diġitali ewlenin tal-UE jissaħħu;

15. Jinnota li t-titjib tal-aċċess għat-trasport u s-servizzi ekoloġiċi fiż-żoni rurali u remoti huwa kruċjali biex tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u diġitali tal-popolazzjoni fir-reġjuni; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jirrikonoxxu l-importanza taż-żoni rurali u remoti, minħabba d-diversità tagħhom, u jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom billi jstimulaw l-investiment fl-ekonomija lokali, jipromwovu l-intraprenditorija u jtejbu l-infrastruttura tagħhom;
16. Jinnota li r-reġjuni inqas żviluppatti jiddependu wisq aktar mill-impjiegi agrikoli u b'riżultat ta' dan iħossu impatt negattiv akbar mir-ristrutturar ekonomiku u l-modernizzazzjoni agrikola li tirrikjedi inqas ħaddiema; jitlob għalhekk li jiġu esplorati opportunitajiet ġodda biex in-nies ma jitilqux minndawn iż-żoni, bħall-iżvilupp tat-turiżmu rurali;
17. Jinnota li l-abbandun tal-art jista' jkollu impatt negattiv fuq il-bijodiversità, peress li l-prattiki tal-biedja jsostnu ħabitats ta' bijodiversità għolja u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ;
18. Jenfasizza r-rwol importanti moqdi mill-programm LEADER fiż-żoni rurali billi jinvolti lill-atturi lokali fit-tfassil u t-twettiq tal-istrategġiji, fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-allokazzjoni tar-riżorsi għall-iżvilupp taż-żoni rurali tagħhom; jinnota li l-inizjattivi tal-komunità u taċ-ċittadini jistgħu jipprovdu appoġġ sostanzjali għall-ekonomija lokali u l-koeżjoni soċjali, għat-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; jinnota, barra minn hekk, li l-gruppi ta' azzjoni lokali u l-programm LEADER jistgħu jkunu għodod primarji biex dawn jinkisbu; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-programm LEADER, b'mod partikolari l-baġit tiegħu, u jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji tiegħu jilħqu l-proġetti fuq il-post;
19. Jenfasizza l-ħtieġa li nistudjaw aħjar l-impatt li t-tibdil fil-klima qed ikollu fuq ir-reġjuni Ewropej u li nadattaw aħjar għal tali impatt, b'mod partikolari fis-settur agrikolu, peress li dan jippreżenta theddida sinifikanti għall-futur ta' dawn ir-reġjuni;
20. Jenfasizza li l-kwisjonijiet tal-ugwaljanza u l-inklużjoni jaqdu r-rwol jerġa' aktar ċentrali fl-iżvilupp reġjonali; jenfasizza r-rwol speċjali taż-żgħażaġh fil-politika ta' koeżjoni;
21. Jirrimarka li xi Stati Membri ntlaqtu aġhar mill-effetti tal-gwerra fl-Ukrajna u jistieden lill-Kummissjoni talloka l-fondi addizzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' koeżjoni f'dawn il-pajjiżi, b'enfasi fuq il-flessibbiltà tat-trasferimenti bejn fondi differenti jekk il-fondi ma jkunux intużaw;
22. Jenfasizza li n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat mid-diskrepanzi fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE; jinnota l-ħtieġa kruċjali li l-intraprendituri nisa fiż-żoni rurali jingħataw ambjent abilitanti, inkluż appoġġ legali u politiku, li jwassal għal aċċess akbar għall-informazzjoni, l-għarfien u l-ħiliet, kif ukoll li jiġi ffaċilitat l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji, li jwassal għall-ħolqien ta' aktar impjiegi fiż-żoni rurali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u timplimenta l-miżuri ta' flessibbiltà meħtieġa biex jiġi żgurat it-trasferiment tal-fondi tal-UE li ma jkunux intefqu, billi dawn jiġu diretti lejn setturi agrikoli differenti, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żviluppat is-settur tal-ipproċessar tal-prodotti mhux ipproċessati u jissaħħu l-ktajjen tal-provvista qosra u l-kummerċ tal-ikel imkabbar lokalment;
24. Ifakkar li l-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jittratta l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jipprevedi li tingħata prijorità liż-żoni rurali; jinnota, madankollu, li l-allokkazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni ma tqisx biżżejjed liż-żoni rurali u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsidra li tiżviluppa metodoloġija ċara għall-valutazzjoni tas-sehem tal-finanzjament ta' koeżjoni li għandu jiġi assenjat liż-żoni rurali;
25. Jenfasizza l-importanza li jiżdied l-għadd ta' impjiegi li jistgħu jimtlew mir-refuġjati Ukreni, u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-politiki u l-miżuri meħtieġa b'mod urġenti għal dan il-għan.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	30.6.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 35 - : 2 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Carmen Avram, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Martin Häusling, Krzysztof Jurgiel, Camilla Laureti, Norbert Lins, Chris MacManus, Maria Noichl, Juozas Olekas, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Marc Tarabella, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Eric Andrieu, Franc Bogovič, Lena Düpont, Claude Gruffat, Pär Holmgren, Tilly Metz, Alin Mituța, Tonino Picula, Michaela Šojdrová, Tom Vandenkendelaere
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vlad Gheorghe, Ondřej Kovařík, Andrey Kovatchev

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

35	+
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Lena Düpont, Norbert Lins, Tom Vandenkendelaere, Asim Ademov, Anne Sander, Andrey Kovatchev, Simone Schmiedtbauer, Michaela Šojdrová, Juan Ignacio Zoido Álvarez
S&D	Eric Andrieu, Carmen Avram, Isabel Carvalhais, Camilla Laureti, Maria Noichl, Juozas Olekas, Tonino Picula, Marc Tarabella
Renew	Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Alin Mituța, Vlad Gheorghe, Ondřej Kovařík
Verts/ALE	Benoît Biteau, Tilly Metz, Martin Häusling, Pär Holmgren, Claude Gruffat
ECR	Bert-Jan Ruissen
The Left	Luke Ming Flanagan, Chris MacManus
NI	Dino Giarrusso

2	-
ECR	Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	12.7.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 28 - : 0 0 : 13
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Matteo Adinolfi, François Alfonsi, Pascal Arimont, Adrian-Drağoş Benea, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş, Rosanna Conte, Rosa D’Amato, Christian Doleschal, Raffaele Fitto, Chiara Gemma, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Nora Mebarek, Alin Mituţa, Dan-Ştefan Motreanu, Niklas Nienaß, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Alessandro Panza, Tsvetelina Penkova, Maxette Pirbakas, Marcos Ros Sempere, André Rougé, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Karolin Braunsberger-Reinhold, Anna Deparnay-Grunenberg, Isabel García Muñoz, Niyazi Kizilyürek, Mikuláš Peksa, Stanislav Polčák
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Billy Kelleher, Pedro Marques

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

28	+
NI	Chiara Gemma
PPE	Pascal Arimont, Tom Berendsen, Karolin Braunsberger-Reinhold, Christian Doleschal, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Andrey Novakov, Stanislav Polčák
Renew	Stéphane Bijoux, Billy Kelleher, Irène Tolleret
S&D	Adrian-Dragoș Benea, Isabel García Muñoz, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Pedro Marques, Nora Mebarek, Tsvetelina Penkova, Marcos Ros Sempere
The Left	Niyazi Kizilyürek, Younous Omarjee
Verts/ALE	François Alfonsi, Rosa D'Amato, Anna Deparnay-Grunenberg, Niklas Nienaaß, Mikuláš Peksa

0	-

13	0
ECR	Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Raffaele Fitto
ID	Matteo Adinolfi, Rosanna Conte, Alessandro Panza, André Rougé
NI	Maxette Pirbakas
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Dan-Ștefan Motreanu
Renew	Vlad-Marius Botoș, Alin Mituța, Susana Solis Pérez

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni